**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru : 122/2021 RM**

**Western Company Limited (C 19994)**

**-Vs-**

**Vincent Bonello u Jacqueline Bonello**

**Illum, 7 ta’ Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-socjeta Western Company Limited fis-7 ta’ Mejju 2021 fejn talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta’ tlettax-il elf, disa’ mija u sittin Ewro u tmenin ċenteżmu (€13,960.80) rappresentanti din is-somma bilanċ minn somma akbar bħala prezz ta' vettura Hyundai Accent bin-numru ta' reġitrazzjoni BBI 697 mibjugha u kkonsenjata lill-intimati, inkluż l-imgħaxijiet. Kojpa ta' l-iskrittura ta' bejgħ qed tiġi annessa u mmarkata Dok A

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 (ittra numru 2142/20) u l-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment u l-imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti, Vincent Bonello u Jacqueline Bonello ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2021 fejn ġie eċċepit:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attriċi huma preskritti bit-trapass ta' ħames snin.
2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv u dan stante li l-kapital oriġinali, skond ma jidher minn Dok. A kien ta' €4152.00 u għalhekk is-soċjeta attriċi għandha tressaq il-prova tal-ammont minnha mitlub u l-bilanċ allegatament pendenti u l-mod ta' kif waslet għall-ammont minnha mitlub ta' €13,960.80;
3. Fil-kumplament it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2022;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €13,960.80 rappreżentanti l-bilanċ minn somma ikbar bħala prezz tal-vettura tal-għamla Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI-697 li l-attriċi biegħet u kkonsenjat lill-konvenuti, inklużi imgħaxijiet.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet iffirmaw skrittura nhar l-24 ta' Ġunju 2009 fejn ftehmu li Charles Bianco għas-soċjetà attriċi ibiegħ il-vettura msemmija lill-konvenuti li min-naħa tagħhom, aċċettaw li jixtru din il-vettura bil-prezz ta' €4,652.00. Jirriżulta li l-konvenuti ħallsu depożitu fis-somma ta' €500 u l-ftehim kien li l-bilanċ fis-somma ta' €4,152 kellu jitħallas permezz ta' sittin pagament mensili konsekuttivi ta' €115.35 kull wieħed b'mod li l-bilanċ kollu jiġi saldat f'Ġunju 2014. Il-pagamenti mensili kienu jinkludu imgħax bir-rata ta' 8%. B'hekk jidher illi l-partijiet ftehmu li l-konvenuti kellhom iħallas lill-attriċi l-bilanċ globali ta' €6,921 bl-imgħax b'kollox sa Ġunju 2014.

Is-soċjeta' attriċi ssostni li l-aħħar żewġ pagamenti li għamlu l-konvenuti akkont tal-bilanċ, kienu fl-21 ta' Ġunju 2016 fis-somma ta' €100 u fl-4 ta' Diċembru 2019 fis-somma ta' €75. Da parti tagħhom, il-konvenuti jiċħdu li huma għamlu l-aħħar żewġ pagamenti akkont u jikkontendu illi l-*entries* relattivi fl-i*statement of account* Dok. CB1 huma fabbrikati biex jilqgħu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnhom f'din il-kawża.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok, il-konvenuti jeċċepixxu li l-azzjoni għall-ħlas waqgħet bil-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili. Hawnhekk il-liġi tipprovdi illi jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin is-segwenti l-azzjonijiet, fosthom:-

"*(d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta'dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;*

...

*(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġoħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi*

*jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*".

Jinsab pacifikatament ritenut[1] illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid teżamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla u, f'kaz affermattiv, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha ghandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiza ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk iddekorra, ġiex interrott għal xi raġuni dedotta mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eccezzjoni.

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli ghall-azzjoni, m'huwiex kompitu taghha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, ghaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[2]. In-natura odjuza tal-eċċezzjoni tesiġi wkoll li tingħata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eċċezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taż-żmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, għandu jmur kontra l-eċċipjenti tal-preskrizzjoni.

Iżda qabel tiddetermina jekk il-preskrizzjoni invokata mill-konvenuti hijiex siewja għall-fattispeċje tal-każ, il-Qorti tqis li għandha tagħmel referenza għall-Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivii li jsib applikazzjoni għall-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuti għaliex kif ingħad, il-konvenuti isejsu l-preskrizzjoni minnhom eċċepit, dikjaratament fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 jaqra hekk:

"*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn*

[1] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.
[2] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili.

*jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*"

Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni legali, il-Qorti tinnota li fix-xhieda tagħha bl-Affidavit, il-konvenuta Jacqueline Bonello ikkonfermat bil-ġurament illi m'hijiex debitriċi tas-soċjeta' attriċi u għalhekk jidher li r-rekwiżit tal-imsemmi Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili ġie sodisfatt in kwantu għall-konvenuta. Iżda l-istess ma jistax jingħad in kwantu għall-konvenut Vincent Bonello. Hu xehed li mhux debitur tas-soċjeta' attriċi għaliex ilu ma jħallas xi pagament għal iktar minn ħames snin u afferma wkoll[3] li hu waqaf iħallas lis-soċjeta' attriċi u għad fadal bilanċ. Dikjarazzjoni bħal din, fil-fehma tal-Qorti, twaqqa' l-effett tal-preskrizzjoni eċċepita għaliex huwa evidenti li b'dan il-kliem il-konvenut ikkonferma li ma ħallasx id-debitu pretiż mis-soċjeta' attriċi.

Jinsab assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-unika dikjarazzjoni li għandha ssir biex tingħata effett lill-eċċezzjoni tal-preskrizzjonijiet qosra msemmija fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, hija dikjarazzjoni tal-eċċipjent tal-preskrizzjoni li m'huwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġiet imħallsa u dan għaliex il-preskrizzjoni estintiva tippreżumi l-estinzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas. Kull dikjarazzjoni oħra, inkluż l-istqarrija li l-ammont mhuwiex imħallas, twassal biex twaqqa' l-effikaċja tal-preskrizzjoni eċċepita.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Burmarrad Commercials Limited vs Claude Camilleri**, deciza 29 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Appell (Sede Inf.) qalet hekk dwar id-dikjarazzjoni tad-debitur li ma ħallasx:-

"*Fis-sentenza* ***Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi*** *(25 ta' Frar, 1920, Volum XXIV.i.373)*[4]*, intqal*:-

[3] Xhieda in kontro-eżami, 7 ta' April 2022.
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373)2.

‘che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e’ precluso dal poter eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e’ prescrizione presuntiva di pagamento ed e’ inconciliabile colla confessione di non aver pagato, non potendo il convenuto dopo sifatta confessione dichiarare con suo giuramento a senso dello Art. 1924 di detta Ord. (*illum Artikolu 2160 tal-Kodici Civili*), di non essere debitore o di non ricordarsi se i fitti reclamati siano pagati.*’*

*Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma hallasx, m’hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili li jipprezumu l-hlas. Dak li japplika fil-kaz fejn id-debitur jinghata l-gurament (Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), il-qorti ma tarax ghalfejn m’ghandux japplika wkoll fejn id-debitur jixhed minn jeddu.*

*L-ghoti ta’ raguni ghalfejn ma sarx il-hlas, mhuwiex rilevanti. Fis-sentenza* ***Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi****, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta’ Dicembru 2005, intqal:*

*“Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta’ pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet “***Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo***”, Appell, 19 ta’ Mejju 2000, “li kieku l-konvenut xehed li m’ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta’ spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta’ persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut ‘ma jiftakarx’ li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt” ;*

*“Anke jekk il-fattispeci kienu distinti, jghodd ghal kaz dak stabbilit fid-decizjoni a Vol. XXXVII. PI.p307, u cjoe’, illi “ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id - debitur b’att tieghu spontaneu ta’ assunzjoni ta’ certu sistema*

*ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni ».* »

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ma tistax tirnexxi. F'kull każ, anke jekk wieħed kellu jqis li l-aħħar pagament lis-soċjeta' attriċi sar f'Diċembru 2019, ma jistax ikun li kien laħaq għadda ż-żmien preskrittiv ta' ħames snin meta nfetħet il-kawża, ukoll jekk ma saret l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja fil-frattemp, u dan għaliex il-kawża nbdiet f'Mejju 2021.

Iżda hemm konsiderazzjoni oħra għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi: l-inkompatibbilita' bejn din l-eċċezzjoni u t-tieni eċċezzjoni fejn il-konvenuti kkontestaw l-ammont mitlub għaliex huwa eċċessiv.

Huwa ormai paċifiku in materja illi jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqagħlha l-ebda valur meta din takkompanja eċċezzjoni ohra li magħha hija inkompatibbli. Il-Qrati taghna ilhom konsistentement iqisu illi l-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk id-debitur, billi jassumi certu linja ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni.

"*Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont jew ahjar kif jinghad f'din il-kawza il-quantum huwa esagerat. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta.*"[5]

[5] Vide **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited**, deciza fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri.

Kif rajna, fis-sistema legali lokali huwa rikonoxxut illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli biss mal-eccezzjoni tal-inezistenza totali tad-debitu. Fis-sentenza appena citata (**Busuttil v. Public Broadcasting Services Limited**), il-Qorti citat mit-Troplong ("*Prescrizione*" No. 67) illi fisser li:-

"*… … … quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione*".

Fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni sussegwenti tal-konvenuti li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv, timplika rikonoxximent li hemm xi xejra ta' kreditu li huwa eżistenti, għad mhux fl-ammont mitlub jew f'ammont ferm inferjuri minn dak reklamat. B'applikazzjoni tal-insenjament in materja l-Qorti tqis li din ix-xorta ta' eċċezzjoni, billi evidentement timporta rikonoxximent tal-eżistenza ta' xi forma ta' kreditu, hija inkompatibbli u irrikonċiljabbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni hija manifestament infondata u qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

Illi fil-mertu il-Qorti qieset illi skont l-i*statement of account* Dok. CB1, jirriżulta li t-total tal-pagamenti magħmulin mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi taħt il-ftehim, huwa ta' €720.35. **Dan ifisser li minn ammont totali ta' €6,921, fadal bilanċ ta' €6,200.65**.

Għalkemm mill-provi jirriżulta li l-konvenuti ma kienux iħallsu l-pagamenti mensili regolarment, is-soċjeta' attriċi ma kienetx ċara dwar kif waslet għas-somma ta' €13,960.80 li qed tirreklama l-ħlas tiegħu fir-Rikors promotur. Minn eżami tal-i*statement of account* Dok. CB1, jirriżulta li kompriż f'dan l-ammont hemm spejjeż ta' *statements* mensili mibgħuta lill-klient kull sitt xhur (€506), *demand notes*

mibgħuta lill-klient (€1,024.92[6]), imgħax ulterjuri kif ukoll spejjeż konnessi mal-ispedizzjoni ta' atti ġudizzjarji fosthom mandati ta' sekwestru.

Il-Qorti tibda biex tosserva li mkien fil-ftehim konkluż bejn il-partijiet ġie maqbul li l-konvenuti kellhom iħallsu spejjeż amministrattivi bħal dawk li huma indikati fl-i*statement of account* u li qed jintalbu mis-soċjeta' attriċi. L-uniċi spejjeż amministrattivi li jissemmew fl-iskrittura tal-24 ta' Ġunju 2009 huma dawk li jinsabu ġia' kompriżi fis-somma tal-pagamenti mensili ta' €115.35 b'żieda mal-imgħax bir-rata ta' 8%. F'kull każ, ma jirriżultax mill-provi li l-konvenuti, anke fi stadju ulterjuri, qablu li jħallsu spejjeż amministrattivi fl-ammonti reklamati fl-imsemmi *statement of account* u fiċ-ċirkostanzi il-Qorti ma taqbilx li dawn l-ispejjeż huma dovuti mill-konvenuti.

In kwantu għal spejjeż ġudizzjarji u legali fis-somma ta' €1,083.28 li huma indikati fl-i*statement of account* Dok. CB1[7] u li jinsabu kompriżi fis-somma mitluba fir-Rikors promotur, lanqas għandu għalfejn jingħad illi l-ħlas tagħhom jintalab mhux bħala parti mill-obbligazzjoni prinċipali, jew il-kapital f'dan il-każ, għaliex id-deċiżjoni dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża tiddependi intrinskalment mid-deċiżjoni dwar l-obbligazzjoni prinċipali li tifforma l-meritu tal-kawża, bl-applikazzjoni tal-kriterji tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12.

Huwa minnu li l-liġi stess tipprovdi li kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż u illi skont l-Artikolu 177 tal-Kap. 12, il-klawsola "*bl-ispejjeż*" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż, iżda dan ma jfissirx li l-ispejjeż tal-proċeduri jistgħu jingħaddu mas-sorte mitlub fl-istess proċeduri. Dan qed jingħad ukoll għaliex meta l-obbligazzjoni tikkonsisti fil-ħlas ta' somma flus u jigi deċiż li huwa dovut l-imgħax skont il-liġi, dan l-imgħax jiddekorri fuq il-kapital u mhux fuq l-ispejjeż tal-proċeduri nfushom. In-neċessita' li l-ispejjeż jinżammu distinti mill-obbligazzjoni prinċipali toħroġ ukoll mill-fatt li mhux bil-fors

[6] "*Demand notes sent to client – 44 @ €23.29 euro*" – fol. 31.
[7] Ara fol. 31 "*Official letters/Garnishee orders/Notifications*".

li l-akkoljiment tat-talbiet attriċi fil-mertu jsarrfu wkoll f'kundanna tat-tellief għall-ħlas tal-ispejjez tal-procedura: id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 233 tal-Kap. 12 li jipprospettaw il-possibbilita li l-Qorti tordna fis-sentenza eventwali li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li dik il-parti mill-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi li tirrappreżenta spejjeż ta' atti ġudizzjarji (€1,083.28), ma tistax tiġi aġġudikata bħala parti mill-kapital mitlub fir-Rikors promotur u minn dan il-lat, sejra tikkunsidra u tipprovdi dwar dik il-parti mit-talba rappreżentanti spejjeż legali ġudizzjarji, biss fil-konsiderazzjonijiet dwar il-kap tal-ispejjeż. Dan qed jingħad mingħajr qies tal-fatt li s-soċjeta' attriċi ma ressqet l-ebda prova kwalsiasi ta' dawn l-atti ġudizzjarji jew li dawn ġew effettivament ippreżentati fil-konfront tal-konvenuti in konnessjoni mal-pretensjoni tagħha f'din il-kawża.

Ikkunsidrat;

In kwantu għall-imgħax, Carmelo Bianco xehed illi l-ammont mitlub fir-Rikors jikkomprendi imgħax bir-rata ta' 8% dekorrut fuq kull pagament mensili li baqa' ma tħallasx mid-data meta l-pagament sar dovut. Dan ifisser li s-soċjeta' attriċi żiedet mal-ammont tal-pagamenti mensili li baqgħu ma tħallsux (jew mal-bilanċ fejn il-pagament mensili ma jkunx tħallas b'mod sħiħ), imgħax bir-rata ta' 8% mid-data ta' kull skadenza ikkalkolat sas-27 ta' Ġunju 2020. B'kollox dan l-imgħax jammonta għas-somma komplessiva ta' €5,117.85.

Iżda l-Qorti ma taqbilx li dan l-imgħax kif komputat b'żieda mal-imgħax diġa' kompriż fis-somma tal-pagamenti mensili, hu dovut kif komputat mis-soċjeta' attriċi. Fil-fatt, ma jirriżultax illi fil-ftehim konkluż fl-24 ta' Ġunju 2009, il-partijiet qablu li f'każ ta' morożita' fil-ħlas tal-pagamenti mensili kellu jiddekorri awtomatikament l-imgħax fuq l-ammont jew il-bilanċ dovut fuq dak il-pagament.

Għalkemm huwa minnu li d-debitur huwa dejjem u fi kwalsiasi kaz, obbligat li jagħmel tajjeb għad-dewmien fil-ħlas ta' somma determinata, billi jħallas id-danni li jiġu mid-dewmien fl-eżekuzzjoni, dawn id-danni, skont kif dispost mill-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili, jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li għandha tinghata, meqjusin bi tmienja fil-mija.

Fl-istess waqt, hu ovvju li l-obbligazzjoni in diżamina hija waħda ta' xejra ċivili u mhux kummerċjali: kemm hu hekk, ma nħarġux kambjali għall-ħlas tal-ammonti mensilment dovuti u f'kull każ, il-ħlas mhux qed jintalab abbazi tal-kambjali. Għaldaqstant, mhux il-każ li l-imgħaxijiet jgħaddu *ipso jure* minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

Il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-prezz tal-vettura jiġi saldat sal-aħħar ta' Ġunju 2014 u sa dakinhar, l-imgħax kien diġa' kompriż fl-ammont tal-pagamenti mensili. Għalhekk, kwalunkwe imgħax seta' jibda jiddekorri biss fuq il-bilanċ dovut wara d-data tal-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni ċioe' wara Ġunju 2014.

Fil-fehma tal-Qorti ghandha tapplika r-regola stabbilita mill-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16:-

*F'kull kaz iehor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta li saret interpellazzjoni għall-ħlas permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 2142/2020 li ġiet ippreżentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, fit-13 ta' Ottubru 2020, iżda minn eżami tad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Mejju 2021[8] jirriżulta li din l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata kif imiss lill-konvenuti, hemmhekk intimati, u għalhekk

[8] Ara fol. 3 *et seq.* tal-atti.

ma jista' jkollha l-ebda effett għall-fini tal-interpellazzjoni ġudizzjarja li hija meħtieġa skont l-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 biex jibdew jgħaddu l-imgħaxijiet.

Għalhekk, jirriżulta li l-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenuti għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-vettura lilu mibjugħa, hija dik li saret bil-preżentata tar-Rikors promotur f'din il-kawża u għaldaqstant, l-imghax fuq il-kapital li jigi stabbilit li huwa dovut ghandu jibda jiddekorri minn din id-data. Jirriżulta li l-konvenuti, meta ġew notifikati bir-Rikors promotur, kienu ufficjalment interpellati għall-finijiet tal-Artikolu 1141 biex iħallsu ammont determinat, bil-konsegwenza li l-imghax beda jiddekorri minn dik id-data fuq is-somma mitluba. F'każ li jirriżulta mill-provi akkwiziti fl-atti li dik is-somma oriġinarjament mitluba m'hijiex dovuta fl-intier taghha - kif jirrizulta f'dan il-kaz odjern - l-imgħax dekorribbli kif appena inghad, ikun dovut biss fuq il-parti mis-somma aġġudikata bhala dovuta.

Il-Qorti f'dan il-kaz ma ġietx mitluba tillikwida l-ammont li huwa dovut lis-soċjeta' attriċi iżda ġiet mitluba tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' dak l-ammont determinat: **il-fatt li l-Qorti stabbiliet li l-ammont kif mitlub m'huwiex kollu dovut, ma jfissirx li ghamlet eżercizzju ta' likwidazzjoni li minħabba fih isib riskontru r-regola *in liquidis non fit mora*. Il-Qorti tqis illi ġaladarba hu evidenti li l-interpellazzjoni ma kienetx waħda limitata ghat-twettiq b'mod ġenerali tal-obbligazzjoni tal-hlas, il-konvenuti ġew imqiegħdin in mora meta ġew notifikati bir-Rikors promotur u dan għaliex ġew mgħarrfin formalment bl-ammont pretiz mis-soċjeta attriċi (is-somma ta' €13,960.80) u kwindi bl-ogħla ammont li setgħu jiġu kkundannati jħallsu bl-ezitu ta' din il-proċedura. B'hekk, f'dan il-kaz l-iskop tal-Artikolu 1141 tal-Kap. 16, kjarament intlahaq.**

Il-Qorti fir-rigward taqbel mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited vs Paul Tabone**[9], cioe` illi una volta l-interpellazzjoni ghall-hlas issir kwantu għal somma speċifikata fl-att ġudizzjarju, l-imgħax fuq is-somma jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' dik l-

[9] Qorti tal-Appell [Sede Inf.], deciza 17 ta' Frar 2003.

interpellazzjoni irrispettivament mill-fatt li l-Qorti tkun eventwalment irriduciet is-somma specifikata f'dak l-att.

B'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijet appena maghmulin, f'dan il-kaz l-imgħax għandu jibda jiddekorri fuq is-somma ta' €6,200.25 mill-4 ta' Ġunju 2021, ċioe` d-data tan-notifika tar-Rikors promotur lill-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti fir-Risposta tagħhom biss safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti VINCENT u JACQUELINE BONELLO jħallsu lil WESTERN COMPANY LIMITED is-somma ta' sitt elef u mitejn Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€6,200.65)** ***in solidum,*** **bl-imghax mill-4 ta' Ġunju 2021 u bl-ispejjez ta' din il-kawża u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment jitħallsu mill-konvenuti wkoll** ***in solidum*****.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**